## KUNSILL LOKALI ISLA

## IR-RABA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU GĦAXRA

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tlieta 1 ta' Ottubru, 2002 fil-5.30pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku (6.30pm) |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | Xejn | | |

### AĠENDA

1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
3) Resurfacing - Triq il-Kurċifiss, Triq il-Vittmi tal-Gwerra.
4) Deċiżjoni website.
5) Kalendarju 2002 / 2003.
6) Attivitajiet mis-Sotto Kumitat, Anzjani u Affarijiet tal-Familja.
7) Magazine tal-Kunsill.
8) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' ordnijiet ta' pagamenti.

## 10 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.

10.(1).1 Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva nem con il-Minuti kif ġew ippreżentati.

10.(1).2 *Arising Mill-Minuti*

- Saret laqgħa mad-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar St. Michael's Press
- Laqgħa mal-Klabb tal-Boċċi ser issir f'Ottubru, 2002

- Towing & Clamping - Is-Sindku u żewġ Kunsillieri għandhom jiltaqgħu nhar it-Tlieta 8 ta' Ottubru 2002 fis-2.00pm biex jaraw fejn għandhu jsir dan.

- Ser issir stima ta' l-ispejjeż li hemm bżonn biex il-latrini li hemm viċin il-Kunsill fi Triq l-Ħabs l-Antik jiġu refurbished.

## 10(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

*10.(2).1 Tiswijiet Gardjola (12 / 09 / 2002)*

Saret spezzjoni lill-blat ta' taħt il-Gardjola mill-Perit Herman Bonnici, li fl-opinjoni tiegħu ma' jidhirx li hemm periklu. Huwa ssuġerixxa is-cement li hemm madwarha jitneħħa.

*10.(2).2 Rampa ta' ħdejn il-Knisja Parrokjali (13 / 09 / 2002)*

Saret spezzjoni fuq din ir-rampa mal-Perit Charles Grech u mas-Sur Ray Bondin mill-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera.

Hemm possibilta' li din titwal għax qegħda ftit wieqfa. Dan ix-xogħol jitwettaq mill-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera.

*10.(2).3 Moviment Graffiti (13 / 09 / 2002)*

Saret laqgħa mal-Moviment Graffiti fuq stedina tagħhom dwar il-Proġett tal-Kottonera sabiex isir front wieħed ta' protesta kontra il-proġett.

*10.(2).4 Jum il-Kottonera (13 / 09 / 2002)*

Il-laqgħa li kellha ssir ma' saritx u ġiet posposta għal aktar tard.

*10.(2).5 Sedqa - Programmi (16 / 09 / 2002)*

Saret laqgħa mas-Sur Shawn Grech (Sedqa) dwar programmi li jistgħu jsiru fil-Kunsill lokali bl-għajnuna tal-Kunsill.

*10.(2).6 Kumitat Konġunt (16 / 09 / 2002)*

Ġie diskuss it-Towing & Clamping Zone fil-lokalitajiet. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni għall-ħinijiet tal-wardens fil-lokal, kif ukoll l-użu tal-loading / Unloading f'Misraħ 4 ta' Settembru.

*10.(2).7 Kumitat Kor Maria Bambina ( 18 / 09 / 2002)*

Din il-laqgħa saret iex jiġi mistħarreġ is-sehem ta' dan il-Kor fil-programm ta' ġemellaġġ li l-Kunsill qed Iħejji mal-Belt ta' Cassino.

Ġie diskuss il-parteċipazzjoni tal-kor fil-programm MAP 3, Euro Med Heritage Programme II u Empowerment Kors mis-Sedqa.

*10.(2).8 Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera (18 / 09 / 2002)*

Is-Sindku ressaq it-talbiet pendenti li l-Kunsill għandhu quddiem il-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera; Dawn huma: Fanali J. B. Azopardo, Restoration Grant, restawr Arzella (Villa Davies) u l-kumplament tal-Pjazza J. B. Azopardo.

*10.(2).9 Local Wardens Contracts (19 / 09 / 2002)*

Saret laqgħa mal-Kordinatur tal-Gwardjani Lokali Mrs Annabel Xuereb fejn ġie diskuss ix-xogħol tal-Gwardjani u l-extra li jkunu ordnati mill-Kunsill fil-ħruġ ta' permessi.

*10.(2).10 Laqgħat ma' l-Għaqdiet (Ġemellaġġ) (19 / 09 / 2002)*

Saru żewġ laqgħat mas-Soċjeta' Queen's Own Band Club u s-Senglea Athletics F. C. dwar is-sehem tagħhom f'dak li jixtieq iwettaq il-Kunsill fil-ġemellaġġ mal-Belt ta' Cassino.

*10.(2).11 Kunsill Skolastiku / Kap ta' l-Iskola ( 10/ 09 / 2002)*

Saret laqgħa mal-President tal-Kunsill Skolastiku u l-Kap ta' l-Iskola Primarja Lokali dwar is-sehem tagħhom fil-ġemellaġġ.

Ġie diskuss ukoll l-andament tal-Librerija ta' l-Iskola li qed tiġi ffinanzjata kollha mill-Kunsill.

Il-ħsieb huwa li din tiġi inawgurata f'Diċembru 2002. Il-Kunsill insista li l-inawgurazzjon tal-Librerija għandha ssir mill-Kunsill.

*10.(2).12 Bronk Productions ( 20 / 09 / 2002)*

Din il-laqgħa saret bi preparazzjoni tas-sehem tagħhom fil-ġemellaġġ. Ġew mistħarrġa diversi proposti.

*10.(2).13 Għotjiet għall-Gallarijiet - MEPA ( 23/09/2002)*

Wara talba minn ħmistax il-applikazzjoni mill-Isla biex jingħataw grant għal tiswijiet tal-gallarijiet ta' l-injam il-bord ikkonferma sitta, sejra ssir laqgħa oħra, biex il-bord jipproċessa l-kumplament. Is-Sindku Joseph Casha huwa Membru fuq dan il-Bord.

*10.(2).14 Midsea Books (26/09/2002)*

Fuq stedina tagħna saret laqgħa mal-Midsea Books dwar is-servizz ta' kotba li jistgħu jinxtraw kemm il-darba jkun meħtieġ għal-Librerija tal-lokal. Aktar il-quddiem jistgħu jiġu konsultati dwar dan.

*10.(2).15 Bieb Sant'Anna (27/09/2002)*

Is-Sindku għamel kuntatt mad-Dipartiment tal-Kuntratti biex jistħarreġ fejn waslu t-tenders ta' dan il-proġett. Jidher li wasal lż-żmien li din it-tender toħroġ.

*10.(2).16 Soċjeta Turistika Maltija ( 27 / 09 / 2002 )*

Is-Sindku attenda Seminar fir-Residenza ta' l-Universita', Ħal Lija fejn barra li s-Sindku wassal messaġġ dwar turiżmu sostenibbli, saret diskussjoni dwar it-Turiżmu f'Malta.

*10.(2).17 Dawret Ix-Xatt ( 27 / 09 / 2002 )*

Is-Sindku Joseph Casha għamel kuntatt mad-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq il-Perit Lino Zammit dwar is-sitwazzjoni tal-ħruġ tat-tenders għal xogħol f'din it-triq.

Is-Segretarju Eżekuttiv għandhu jibgħat ritratti ta' l-istat ħażin li tinsab fih din it-triq.

*10.(2).18 HMS Ark Royal ( 28 / 09 / 2002 )*

Għalkemm kien hemm stedina biex is-Sindku u s-Sinjura tiegħu jżuru l-HMS Ark Royal, is-Sindku ġie rrifjutat li jitla' fuq l-HMS Ark Royal minħabba li kien akkumpanjat mill-Viċi Sindku minflok il-mara tiegħu li kienet indisposta.

Għandha tintbagħat ittra lill-ambaxxata Ngliża f'Malta.

*10.(2).19 Operation Pedestal ( 30 / 09 / 2002 )*

Saret attivita' imtella' mill-Awtorita Maltija għat-Turiżmu fil-Bażilika ta' l-Isla bħala parti mit-tifkira msemmija hawn fuq. Il-Kunsill ta s-sehem tiegħu bis-sħiħ.

Il-Kunsill jinnota li ma' kienx mistieden għal din l-attivita'. Għandha tinbagħat ittra dwar dan.

*10.(2).20 Librerija Pubblika f'Misraħ 4 ta' Settembru*

Il-Kunsill qabel li jwettaq ix-xogħol li hemm bżonn isir fis-sit tal-Kunsill li jinsab f'Misraħ 4 ta' Settembru.

Għandha tinkiteb ittra lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex jiġi nfurmat b'dan.

*10.(2).21 Sotto Kumitat Edukazzjoni*

Is-Sinjura Anna Spiteri ntalbet biex tieħu ħsieb dan is-Sotto Kumitat.

Hija aċċettat. Saru diskussjonijiet fuq il-ħidma futura ta' dan is-Sotto Kumitat.

*10.(2).22 Korrispondenza*

Kopja tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn id-9 u t-30 ta' Settembru 2002 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/1627/02* Servizz professjonali għat-tfal tal-Kottonera ser jibda jingħata mill-Aġenzija Appoġġ bejn Ottubru / Novembru 2002.

*04/1633/02* Il-Kunsill ma qabilx li jingħata permess dwar pots fi Triq il-Kurċifiss minħabba sgumbrament fuq il-bankina. Għandha tinbagħat ittra lir-residenti.

*04/1644/02 Seminar Kunsill Lokali Nadur - Għawdex, dwar Ġemellaġġi*

Il-Kunsill qabel li jieħu sehem f'dan is-seminar li ser isir bejn is-6 u l-10 ta' Novembru, 2002 fl-Imġarr Hotel.

*04/1658/02 Working Group*

Il-Kunsill qabel li jieħu sehem fil-Working Group li qed jiġi organiżżat mill-Public Policy Department ta' l-Universita' dwar il-ħidma tal-Kunsilli.

*04/1665/02 Premju Żgħażugħ/a tas-Sena 2002*

Il-Kunsill ġie mistieden jieħu sehem f'dan il-premju imtella' mill-Moviment Kerygma.

*04/1675/02 Trasport pubbliku għall-Isptar San Luqa*

Il-Kunsill ġie mgħarraf li t-talba tiegħu biex ikun hemm trasport dirett għall-isptar San Luqa filgħodu fit-7.45 ġiet milqugħa mill-Awtorita għat-Trasport Pubbliku.

Din ser topera minnufih minn Misraħ 4 ta' Settembru. Dan huwa servizz miżjud ma' dak ta' wara nofsinhar.

*04/1700/02 Żjara minn Anzjani - Kunsill Lokali Żurrieq*

Il-Kunsill aċċetta t-talba tal-Kunsill Lokali Żurrieq biex grupp ta' anzjani miż-Żurrieq iżuru l-Isla. Dawn jieħdu t-te' fil-Kunsill Lokali ta' l-Isla.

*04/1729/02 Tiswijiet fis-saqaf tal-M. U. S. E. U. M. - Isla*

Il-Kunsill ġie mitlub mill-Kunsill Parrokjali ta' Isla biex jgħin fit-tiswijiet ta' bdil tas-saqaf fil-M. U. S. E. U. M li jammontaw għal madwar Lm 7, 000.00.

Il-Kunsill qabel li jiltaqgħa magħhom. GĦandha tinbagħat ittra biex tinfurmahom dwar dan.

*04/1749/02 Sedqa, ELCAS / EU Youth Seminar - 17 & 18 ta' Ottubru 2002.*

Ġiet stedina lill-Kunsill biex jipparteċipa f'dan is-seminar. Il-Kunsilliera ġew mistiedna jattendu.

*04/1750/02 Seminar (Saħħa Mentali ) - 11 ta' Ottubru 2002*

Il-Kunsilliera ġew mistiedna jattendu għal dan is-Seminar mtella' mill-Kummissjoni għas-Saħħa Mentali.

## 10(3) Resurfacing Triq Il-Kurċifiss, Triq il-Vittmi tal-Gwerra

Il-Kunsill qabel li ssir stima mis-Sotto Kumitat kkonċernat dwar dan ix-xogħol.

## 10(4) Website tal-Kunsill

Saret laqgħa mal-Liquid Studio Ltd dwar il-proposti tagħhom.

Saret laqgħa oħra (18 / 09 / 2002) ma' **Maltanet** dwar l-istess suġġett.

Saret laqgħa ma' Stone Ltd dwar il-proposti tagħhom dwar dan is-suġġett.

Wara li l-Kunsill fela l-kwotazzjonijiet minn kuntratturi għal website tal-Kunsill, l-Kunsill qabel li din għandha tingħata lil Liquid Studios Ltd li hija l-aktar waħda vantaġġjuża.

## 10 (5) Kalendarju 2002 / 2003

Il-Kunsill qabel li jsir kemm il-darba jinsabu sponsors għal dan minħabba li l-finanzi tal-Kunsill ma' jippermettux.

## 10 (6) Attivitajiet mis-Sotto Kumitat Anzjani u Affarijiet tal-Familja

Dan is-Sotto Kumitat ippreżenta programm ta' attivitajiet għal Ottubru , Novembru u Diċembru 2002.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li għandhom isiru costings sew ta' l-attivitajiet qabel joħroġ il-prezz kif ukoll li l-biljetti jridu jinġabru sa jumejn qabel l-attivita.

## 10(7) Magazine tal-Kunsill

Il-Kunsill qed jippjana li jibda joħroġ il-magazine tal-Kunsill għall-anqas darbtejn fis-sena.

Dan għandhu jiġi ffinanzjat mir-reklami.

## 10(8) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada l-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti li kienu jammontaw għal Lm 10, 986.08ċ mill-fond ġenerali tal-kunsill.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fid-8.45pm b'dan l-item fuq l-agenda.

---

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________

---

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |